MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru. 1125/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ian J Abdilla)

vs

Michelle Frances Azzopardi

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Michelle Frances Azzopardi nee' Borg ta' 28 sena, mart Noel Azzopardi, bint il-mejjet Piu Borg u Carmen nee' Schembri, inwielda San Giljan fl-1 ta' Marzu, 1977, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 123577M, giet imressqa quddiemha akkuzata talli fit-13 ta' Dicembru 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda

li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' iktar minn LM100.00 imma inqas minn LM1,000.00 ghad-dannu ta' Maria Theresa Buttigieg, l-istabilimenti Paul Sciberras and Sons (Hamrun), Funtasia (San Gwann), u Kidzone (Paola), tal-HSBC Bank Malta Ltd; u ta' diversi persuni ohra; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. u aktar talli, fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu minnhom (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 18, 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. u aktar talli, fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 18, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommettiet serq ta' HSBC Quickcash ard u LM10.00 fi flus kontanti, ghad-dannu ta' Maria Theresa Buttigieg u

tal-HSBC Bank Malta Ltd; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 263 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tmexxihom jew tbieghhom; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kolha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 13 ta' Mejju, 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 19 tal-process.

Semghat lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-6 ta' Gunju, 2005 (*folio* 12) *ai termini* ta' l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2007 u dan wara li nghatat zmien xieraq biex jekk trid terga' lura minn tali ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-imputata, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta' l-imputata (esebita a *folio* 11 tal-process), il-fatt li hija ammettiet fl-istqarrija u kkoperat fil-kors ta' l-

investigazzjonijiet u l-fatt li hija rrifondiet lura lill-vittmi l-ammont minnha misruq jew mehud b'ingann. Il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputata sabiex tirriforma ruhha u taqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant, il-Qorti, waa li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 167, 169, 183, 184, 263 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputata Michelle Frances Azzopardi hatja ta' l-akkuzi kollha kif minnha ammessi u tiddeciedi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggi lill-imputata taht ordni ta' *probation* ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum taht is-segwenti kondizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu ta' *probation* ta' sentejn, l-imputata iggib ruhha tajjeb u toqghod ghad-direttivi kollha tal-*Probation Officer*, inkluz kull direttiva li l-*Probation Officer* thoss lit kun necessarja sabiex hija taqbad it-triq it-tajba;
2. Li l-imputata tibqa' zzomm kuntatt kontinwu ma' l-istess *Probation Officer* skond id-direttivi li dan jaghtieha minn zmien ghal zmien u jekk il-*Probation Officer* ikun irid hekk, li tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha.

3. Li l-imputata Michelle Frances Azzopardi tgharraf minnufih lil *Probation Officer* b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha.

4. Li jsir rapport bil-miktub lill-Qorti mill-*Probation Officer* kull xahrejn dwar l-andament u l-imgieba ta' l-imputata.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car, kemm ir-responsabbilta' taghha u x'jigri jekk hi tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti tordna ai termini ta' l-Artikolu 7 (8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-*Probation* sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan il-ghan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------